

Brussell, 17 ta' Diċembru 2018  
(OR. en)

15674/18

MI 1012  
ECO 118  
ENT 244  
IND 416  
TELECOM 487  
DELECT 180

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Diċembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2018) 8383 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 12.12.2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 3(3)(g) ta' dik id-Direttiva sabiex jiżgura l-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza minn apparat mobbli

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2018) 8383 final.

---

Mehmuż: C(2018) 8383 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.12.2018  
C(2018) 8383 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 12.12.2018**

**li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 3(3)(g) ta' dik id-Direttiva sabiex jiżgura l-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza minn apparat mobbli**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-prattika attwali li tintuża għal-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza mill-mowbajls hija bbażata fuq il-pożizzjonament tas-Cell-ID (Identifikatur ċellulari). Din ġiet użata b'mod wiesa' minn operaturi tan-netwerk mobbli fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali<sup>1</sup>. Hija soluzzjoni bbażata fuq l-identifikazzjoni taż-żona ta' kopertura mit-torri tat-telefonija ċellulari li jkun qed jaqbad mal-mowbajl, li mhux bilfors ikun l-eqreb torri (tat-telefonija ċellulari). Din iż-żona hija dipendenti fuq l-angolu ta' kopertura u r-raġġ taċ-ċellola. Dan tal-aħħar jista' jvarja minn 100 metru għal diversi kilometri<sup>2</sup>. F'ċerti każijiet, b'mod partikolari fil-muntanji u fil-bliet, dan jista' jwassal għal żbalji sinifikanti fil-pożizzjonament tal-persuna li tkun qed tagħmel is-sejħa ta' emerġenza.

Sadanittant, illum, il-mowbajls għandhom kapaċitajiet tal-informatika avvanzati li jippermettu li tiġi pproċessata d-data tal-lokalizzazzjoni pprovduta mis-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS)<sup>3</sup> u informazzjoni mill-Wi-Fi li jagħmlu possibbli li tinstab soluzzjoni li tkun tipprovdi informazzjoni aktar preċiża dwar il-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel. Soluzzjoni għal-lokalizzazzjoni ta' dak li jkun qed iċempel bbażata fuq sistema ibrida li tkompli tipprovdi l-pożizzjonament tal-identifikatur ċellulari (Cell-ID), flimkien mal-informazzjoni ġejja mill-Wi-Fi u mill-GNSS diġà disponibbli fuq il-mowbajl tal-utent aħħari twassal għal benefiċċji sinifikanti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kemm ġewwa xi bini kif ukoll fil-beraħ. Soluzzjonijiet ibbażati fuq il-lokalizzazzjoni GNSS diġà qed jintużaw b'mod wiesa' fi tmien Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi (eż. l-Istati Uniti<sup>4</sup>).

L-użu tal-GNSS għandu jippermetti li ssir lokalizzazzjoni ħafna iktar preċiża ta' min qed iċempel u jgħin biex l-isforzi ta' salvataġġ ikunu iktar rapidi u iktar effettivi, kif ukoll biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi ta' emerġenza. Testijiet fuq il-post imwettqa f'erba' Stati Membri tal-UE bħala parti minn proġett iffinanzjat mill-UE wrew differenza reali fil-preċiżjoni bejn il-lokalizzazzjoni tas-Cell-ID u l-lokalizzazzjoni tal-GNSS: il-lokalizzazzjoni tas-Cell-ID varjat bejn 1,5 u 5 kilometri; filwaqt li l-preċiżjoni tal-lokalizzazzjoni tal-GNSS tvarja bejn 6 u 28 metru<sup>5</sup>. Dan huwa sinifikanti billi fl-2017, saru 301 miljun sejħa ta' emerġenza. Il-maġġoranza kbira (71 %) ta' dawn is-sejħiet saru minn mowbajls<sup>6</sup>.

Skont l-Artikolu 3(3)(g) tad-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE,

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)

<sup>2</sup> Help112, studju ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, disponibbli (bl-Ingliż) fl-indirizz li ġej: [https://ec.europa.eu/growth/content/help112-project\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/content/help112-project_mt)

<sup>3</sup> Pożizzjonament ġeospazjali awtonomu b'kopertura globali. Is-sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS) jippermettu lir-riċevituri elettroniċi jiddeterminaw il-lokalizzazzjoni tagħhom (lonġitudni, latitudni u altitudni)

<sup>4</sup> Ara l-ħarsa ġenerali pprovduta fl-istudju HELP 112

<sup>5</sup> Studju HELP112

<sup>6</sup> <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/implementation-european-emergency-number-112-results-eleventh-data-gathering-round>

il-Kummissjoni għet iddelegata bis-setgħa li tadotta atti delegati biex tiżgura li t-tagħmir tar-radju jappoġġa ċerti karatteristiċi li jiżguraw l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza.

Permezz tal-użu ta' din is-setgħa, minn hawn 'il quddiem permezz tar-Regolament Delegat, il-Kummissjoni timmira li tispeċifika u tiċċara l-klassijiet u l-kategoriji li huma kkonċernati minn dak l-Artikolu, biex tiżgura li mowbajls li jinżammu fl-idejn b'kapaċitajiet tal-informatika avvanzati (komunement magħrufa bħala "smartphones", minn hawn 'il quddiem imsejja "apparat mobbli") jiżguraw aċċess għas-servizzi ta' emerġenza.

Dan se jsir billi dawk li jipproduċu apparat mobbli jintalbu jappoġġaw soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi riċevuta u pproċessata *data* dwar il-lokalizzazzjoni ġejja minn sinjali tal-Wi-Fi, u *data* mill-GNSS kompatibbli u interoperabbli tal-anqas mas-sistema Galileo msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1285/2013<sup>7</sup> bl-iskop li l-komunikazzjonijiet ta' emerġenza isiru aktar effettivi.

L-użu ta' bosta kostellazzjonijiet tal-GNSS iżid id-disponibbiltà ta' pożizzjonament ta' kwalità għolja speċjalment f'ambjenti diffiċli fejn is-sinjali tar-radju ma jiggarrantix kopertura kompluta, bħal fil-każ ta' canyons urbani. F'toroq dojoq, pereżempju, fejn il-bini jista' jostakola l-veduta tas-sema u l-viżibbiltà tas-satelliti, kull sinjal addizzjonali tas-satellita riċevut minn apparat jista' jtejjeb il-preċiżjoni tal-pożizzjonament<sup>8</sup>.

Is-sistema Galileo hija l-unika GNSS taħt kontroll ċivili<sup>9</sup>, u hija l-proprjetà tal-UE. Hija tipprovdi sinjali ta' navigazzjoni preċiżi u kontinwi liċ-ċittadini tal-UE, u lil kulħadd b'mod globali, b'karatteristiċi uniċi, inklużi dawk li jintużaw f'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ<sup>10</sup>, kif ukoll servizzi ta' preċiżjoni għolja u ta' awtentikazzjoni<sup>11</sup> għal applikazzjonijiet professjonali u speċjalizzati.

Is-sistema Galileo se tippermetti li l-utenti tal-GNSS globali jiġu pprovduti b'pożizzjonament, navigazzjoni u sinkoronizzazzjoni ferm affidabbli<sup>12</sup>, speċjalment meta tintuża flimkien ma' GNSS oħrajn. L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-GNSS-Galileo huwa pertinenti għall-pożizzjonament ibbażat fuq il-mowbajl, minħabba ż-żieda tar-robustezza u tal-preċiżjoni li se jipprovdu meta mqabbla ma' sistemi ta' lokalizzazzjoni<sup>13</sup> oħrajn użati waħedhom.

---

<sup>7</sup> Is-sistemi tal-GNSS Ewropea huma:

- EGNOS, is-sistema Ewropea ta' awmentazzjoni li ttejjeb il-preċiżjoni tal-GPS u twassal informazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħha madwar l-Ewropa;

- Galileo, is-sistema Ewropea ta' navigazzjoni globali bis-satellita, li tista' tintuża f'kombinazzjoni ma' GNSS oħrajn u li tipprovdi servizz ta' pożizzjonament preċiż ħafna taħt kontroll ċivili

It-tnejn huma taħt il-kontroll ċivili tal-UE u mingħajr ħlas; ara r-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita.

<sup>8</sup> Studju HELP112.

<sup>9</sup> <https://www.gsc-europa.eu/galileo-overview/what-is-galileo>

<sup>10</sup> <https://www.gsa.europa.eu/european-gnss/galileo/services/galileo-search-and-rescue-sar-service>

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/321 tat-2 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/224 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali li jippermettu lis-servizz kummerċjali offrit mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo jissodisfa l-funzjoni prevista fl-Artikolu 2(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

<sup>12</sup> <https://www.gsc-europa.eu/electronic-library/performance-reports>

<sup>13</sup> <https://www.gsc-europa.eu/electronic-library/performance-reports>

Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' Galileo f'apparat mobbli ġiet identifikata bħala prijorità fl-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa<sup>14</sup>. Miżuri li jeżiġu l-kompatibbiltà ma' Galileo jkunu simili għal dawk adottati skont ir-Regolament dwar l-eCall fir-rigward tal-aċċess għan-numru tal-emerġenza 112 minn fuq sistema eCall immuntata fil-vetturi<sup>15</sup>.

Ir-reqwizit li jippermetti l-lokalizzazzjoni bbażata fuq is-sinjali tal-Wi-Fi jippermetti l-lokalizzazzjoni aktar preċiża tal-utent finali f'każijiet meta *d-data* tal-lokalizzazzjoni tal-GNSS tista' ma tkunx disponibbli, bħal pereżempju f'sitwazzjonijiet fejn min iċempel ikun qiegħed għewwa xi bini<sup>16</sup>.

Ir-reqwizit li l-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni GNSS u Wi-Fi tkun disponibbli għat-trażmissjoni jippermetti l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-reqwizit f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza, u dan filwaqt li jitqiesu metodi teknikament fattibbli li diġà jeżistu. Metodu wieħed minnhom, teknikament fattibbli u magħruf bħala l-Lokalizzazzjoni Avanzata ta' Emerġenza (AML), jitrażmetti l-informazzjoni GNSS/Wi-Fi/Cell-ID disponibbli fuq l-ismartphone ta' min qed iċempel permezz ta' messaġġ SMS liċ-ċentru li jirċievi t-telefonati ta' emerġenza (PSAP). L-AML diġà nbdiet tintuża fi tmien Stati Membri tal-UE — ir-Renju Unit (UK), l-Estonja, il-Litwanja, il-Belġju, l-Irlanda, il-Finlandja, Malta u l-Awstrija. L-użu ta' dan il-metodu f'dawn il-pajjiżi huwa bbażat fuq rapport tekniku ippubblikat mill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI)<sup>17</sup>. Dan ir-rapport tekniku jkopri l-GPS u l-Galileo. Il-kapaċità AML hija appoġġata minn sistemi operattivi installati f'aktar minn 95 % tal-ismartphones kollha fl-Ewropa<sup>18</sup>.

L-impatt fuq il-manifatturi tal-apparat mobbli huwa mistenni li jkun minimu peress li huwa mmirat lejn dawk il-mowbajls li huma diġà kompatibbli mal-GNSS. Kważi l-ismartphones ġodda kollha attwalment fis-suq huma kompatibbli mal-GNSS. L-Aġenzija tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea (GSA) tistma li fl-2017, 82 % tal-mowbajls kienu kompatibbli mal-GNSS. Jenħtieġ li din iċ-ċifra tilħaq sa kważi 100 % sal-2020, qabel ma dan l-Att isir applikabbli.

Il-manifatturi ewlenin taċ-chipsets għall-ismartphones joffru ċipep kompatibbli mal-Galileo, u smartphones li jużaw il-Galileo ilhom disponibbli fis-suq sa mill-2016<sup>19</sup>. Skont l-istudju HELP112, l-ispjiza marbuta maż-żieda tal-Galileo għandha tkun negliġibbli minħabba li ma teħtieġx komponent ta' hardwer speċifiku<sup>20</sup>. Il-produtturi tal-mowbajls ewlenin kollha żiedu l-Galileo fil-mowbajls tagħhom (eż. Apple, Sony, Samsung u Huawei)<sup>21</sup>.

Ir-Regolament Delegat għalhekk isahhañ ix-xejriet tas-suq attwali billi jżid iċ-ċertezza legali. B'mod partikolari, l-Istati Membri li bħalissa qed jinvestu biex il-PSAPs tagħhom ikunu jistgħu jirċievu *data* minn apparat mobbli dwar il-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel jeħtieġu

<sup>14</sup> COM (2016) 705 final "Strateġija Spazjali għall-Ewropa"

<sup>15</sup> L-Artikolu 5(4), ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE

<sup>16</sup> Studju HELP112

<sup>17</sup> [http://www.etsi.org/deliver/etsi\\_tr/103300\\_103399/103393/01\\_01\\_01\\_60/tr\\_103393v010101p.pdf](http://www.etsi.org/deliver/etsi_tr/103300_103399/103393/01_01_01_60/tr_103393v010101p.pdf)

<sup>18</sup> Sorsi disponibbli fuq: <https://www.apple.com/newsroom/2018/03/ios-11-3-is-available-today/>; <https://blog.google/topics/google-europe/helping-emergency-services-find-you/>; [https://ec.europa.eu/growth/content/help112-project\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/content/help112-project_mt)

<sup>19</sup> Għal lista aġġornata ta' mowbajls li jħaddmu l-Galileo, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit tal-internet li ġej: [www.usegalileo.eu](http://www.usegalileo.eu)

<sup>20</sup> Ara l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji fl-istudju HELP112

<sup>21</sup> Għal lista aġġornata ta' mowbajls li jħaddmu l-Galileo, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit tal-internet li ġej: [www.usegalileo.eu](http://www.usegalileo.eu)

ċertezza legali li l-manifatturi tal-apparat mobbli se joffru u se jibqgħu joffru l-funzjonalità tat-trażmissjoni tad-*data* dwar il-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel<sup>22</sup>.

Ir-Regolament Delegat se jikkontribwixxi għal uniformità akbar fl-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza rapidi u effettivi fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Skont id-Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi<sup>23</sup> l-Istati Membri jistgħu jaddottaw dispożizzjonijiet speċifiċi biex jintitolaw lil fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika biex jipprovdu aċċess għal *data* tal-lokalizzazzjoni għas-servizzi ta' emerġenza mingħajr il-kunsens minn qabel tal-utent jew tal-abbonat ikkonċernat.

Dan ir-Regolament Delegat mhux mistenni jżid piż amministrattiv fuq il-manifatturi tal-apparat mobbli, peress li dawn diġà inkludew l-AML u l-GNSS f'dan l-apparat. Il-funzjonalità tal-GNSS ma għandha l-ebda impatt fuq l-operaturi tan-netwerk mobbli, billi s-soluzzjoni hija bbażata fuq l-smartphones<sup>24</sup>.

Ma jkollha wkoll l-ebda konsegwenza finanzjarja għall-baġit tal-UE.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni indirizzat lill-partijiet interessati diversi drabi dwar il-kwistjoni tal-iżgurar tal-kompatibilità tal-mowbajls mal-Galileo għall-finijiet ta' sejħiet ta' emerġenza.

Fis-7 ta' Mejju 2014 saret seduta pubblika biex tiġbor ideat u kontributi min-naħa tal-partijiet interessati involuti fil-forniment tal-assistenza ta' emerġenza b'risposta għas-sejħiet tal-112, fir-rigward tal-opportunità li l-mowbajls jiġu mgħammra b'tali mod li jkunu jistgħu jiddeterminaw l-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel bl-użu tal-GNSS, u b'mod partikolari tal-Galileo u li jibagħtu din l-informazzjoni lil PSAPs<sup>25</sup>.

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet interessati kienu favur miżuri li jsaħħu ċ-ċertezza legali biex tintuża s-soluzzjoni tal-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel bis-saħħa tal-GNSS u jiġi żgurat servizz f'waqtu, effettiv u uniformi għall-pubbliku. Huma jemmnu li dan jista' jiggarrantixxi wkoll l-indipendenza tal-UE; kruċjali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Saret konsultazzjoni pubblika mit-18 ta' April sat-12 ta' Lulju 2016 qabel l-adozzjoni tal-Istrateġija Spazjali. Il-konsultazzjoni kienet indirizzata liċ-ċittadini li jixtiequ jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-futur tal-Istrateġija Spazjali kif ukoll lill-partijiet interessati mis-setturi pubbliċi u privati, mill-industrija, inklużi mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u mis-settur tar-riċerka u d-dinja akkademika fl-Ewropa. L-użu ta' Galileo għal sejħiet ta' emerġenza (E112) kien meqjus bħala utli ħafna, u ħafna partijiet interessati wiegħbu li l-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel għandha tkun aktar preċiża jekk tintuża d-*data* tal-lokalizzazzjoni tal-GNSS, inkluż dik tal-Galileo<sup>26</sup>.

Ir-Regolament Delegat ma kienx suġġett għal valutazzjoni tal-impatt peress li kulma jagħmel hu li jiċċara biċċiet oħrajn ta' leġiżlazzjoni li kienu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt:

<sup>22</sup> Ara l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji fl-istudju HELP112

<sup>23</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)

<sup>24</sup> Ara l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji fl-istudju HELP 112

<sup>25</sup> <https://www.gsc-europa.eu/news/how-to-enable-better-location-for-emergency-calls-galileo-and-112>

<sup>26</sup> Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati tinsab hawnhekk: [https://ec.europa.eu/growth/content/public-consultation-space-strategy-europe-0\\_en](https://ec.europa.eu/growth/content/public-consultation-space-strategy-europe-0_en)

Id-Direttiva dwar is-Servizz Universali<sup>27</sup>, il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi<sup>28</sup>, u d-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju<sup>29</sup>. Barra minn hekk, l-Istati Membri diġà għandhom l-obbligu skont id-Direttiva dwar is-Servizzi Universali, u fil-futur skont il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li jiżguraw li tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni. Dan ir-Regolament Delegat jipprovdi ċ-ċertezza legali biex tiġi implimentata soluzzjoni effettiva għal-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel. Soluzzjoni teknika li tinkorpora informazzjoni bbażata fuq is-sinjali mill-GNSS u mill-Wi-Fi diġà ġiet antiċipata mis-suq u issa hija disponibbli f'aktar minn 95 % tal-ismartphones kollha. Il-manifatturi tal-ismartphones jiffaċċjaw spejjeż negliġibbli billi s-soluzzjoni hija bbażata fuq is-softwer.

Ir-Regolament Delegat ġie ppreżentat lill-Istati Membri waqt il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Politika Spazjali tal-14 ta' Novembru 2017<sup>30</sup> u tal-14 ta' Marzu 2018<sup>31</sup>. Ġie ppreżentat ukoll lill-Istati Membri u lill-industrija fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Valutazzjoni tal-Konformità u s-Sorveljanza tas-Suq tat-Telekomunikazzjonijiet (TCAM) tal-1 ta' Diċembru 2017<sup>32</sup> u tas-16 ta' April 2018<sup>33</sup>.

### 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(g) tagħha.

Skont l-Artikolu 3(3)(g) tad-Direttiva 2014/53/UE, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati dwar kategoriji jew klassijiet tat-tagħmir tar-radju sabiex ikun żgurat li t-tagħmir tar-radju jappoġġa ċerti karatteristiċi li jiżguraw l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza.

L-għanijiet tar-Regolament Delegat, ibbażat fuq l-Artikolu 3(3)(g) tad-Direttiva 2014/53/UE, huma li jiġu speċifikati l-karatteristiċi, il-klassijiet u l-kategoriji li huma kkonċernati minn dak l-Artikolu.

Ir-Regolament Delegat ser jispeċifika li mowbajls li jinżammu fl-idejn b'kapaċitajiet tal-informatika avvanzati ("apparat mobbli", komunement imsejġha "smartphones"), ikunu koperti mill-Artikolu 3(3)(g).

L-għan huwa li jiġi żgurat li dan l-apparat mobbli jappoġġa soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi riċevuta u pproċessata *data* ta' lokalizzazzjoni bbażata fuq is-sinjali tal-Wi-Fi, u *data* mis-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita kompatibbli u interoperabbli tal-anqas mas-sistema Galileo msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 bl-iskop li l-komunikazzjonijiet ta' emerġenza jsiru aktar effettivi.

<sup>27</sup> Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali).

<sup>28</sup> Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Riformulazzjoni) (COM(2016)590).

<sup>29</sup> Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE. Id-Direttiva 2014/53/UE dwar it-Tagħmir tar-Radju

<sup>30</sup> <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2486>

<sup>31</sup> <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2486>

<sup>32</sup> <https://circabc.europa.eu/w/browse/552ffe2a-3176-47d7-8725-92d4a5dd5a4f>

<sup>33</sup> [Ibid.](#)

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 12.12.2018

**li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 3(3)(g) ta' dik id-Direttiva sabiex jiżgura l-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza minn apparat mobbli**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE<sup>1</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi:

- (1) Kif iddikjarat fil-premessa 14 tad-Direttiva 2014/53/UE, it-tagħmir tar-radju jista' jkun strumentali fil-provvista tal-aċċess għas-servizzi tal-emerġenza u għalhekk jenħtieġ li, fil-każijiet xierqa, ikun iddisinjat b'mod li jkollu l-karatteristiċi meħtieġa biex jiġu aċċessati dawk is-servizzi.
- (2) Is-sistema stabbilita skont il-programm Galileo abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> hija sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita ("GNSS"), kompletament proprjetà tal-Unjoni u kkontrollata minnha, li tipprovdi servizz ta' pożizzjonament preċiż ħafna taħt kontroll ċivili. Is-sistema Galileo tista' tintuża flimkien ma' GNSS oħrajn.
- (3) L-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa<sup>3</sup> adottata fl-2016 tħabbar miżuri li jintroduċu l-użu ta' servizzi ta' pożizzjonament u ta' navigazzjoni Galileo fil-mowbajls.
- (4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2017<sup>4</sup>, il-Kunsill appoġġa l-iżvilupp ta' suq downstream b'saħħtu għal applikazzjonijiet u servizzi spazjali, u enfasizza li jenħtieġ li jittieħdu miżuri adegwati, inklużi dawk regolatorji, fejn xieraq, biex

<sup>1</sup> ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1).

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Spazjali għall-Ewropa (COM (2016)705 final).

<sup>4</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar "L-Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi Galileo u EGNOS u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea", 15435/17.

tinkiseb il-kompatibbiltà sħiħa tal-apparat mibjugħ fl-Unjoni mas-sistema Galileo u biex jithegġegħ l-użu ta' apparati kompatibbli mal-Galileo fis-suq globali.

- (5) Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> tipprevedi l-iskjerament tan-numru uniku Ewropew għas-sejħiet ta' emerġenza (“112”) fl-Unjoni kollha u tobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-impriżi li jipprovdu lill-utenti aħħarin b'servizz ta' komunikazzjoni elettronika li jippermetti li jsiru sejħiet lil numru jew diversi numri tal-pjan nazzjonali ta' numerazzjoni, jagħmlu l-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel disponibbli għall-awtoritajiet li jkun qad jieħdu ħsieb is-sejħiet ta' emerġenza tal-anqas fir-rigward tan-numru uniku Ewropew tas-sejħiet ta' emerġenza “112”.
- (6) Il-mowbajls li jinżammu fl-idejn b'kapaċitajiet tal-informatika avvanzati (“apparat mobbli”) jikkonstitwixxu l-kategorija ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni bir-radju li tintuża l-aktar fl-Unjoni biex isiru sejħiet lin-numru uniku Ewropew għall-emerġenza “112”.
- (7) Il-livell ta' preċiżjoni tal-lokalizzazzjoni tat-tagħmir tar-radju li jkun qad jaċċessa servizzi ta' emerġenza huwa fundamentali biex jiżgura li l-aċċess meħtieġ għal dawk is-servizzi ikun effettiv. Attwalment, il-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza minn apparat mobbli tiġi stabbilita bl-użu ta' Cell-ID bbażat fuq iż-żona ta' kopertura tat-torri tat-telefonija ċellulari li jkun qad jaqbad mal-apparat mobbli. Iż-żona ta' kopertura tat-torri tat-telefonija ċellulari tvarja minn 100 metru sa diversi kilometri. F'ċerti każijiet, b'mod partikolari fil-muntanji, fil-bliet u f'bini kbir, dan jista' jwassal għal żbalji sinifikanti fil-pożizzjonament ta' min qed iċempel b'emerġenza.
- (8) Identifikazzjoni tal-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel ibbażata fuq Cell-ID ikkumplementata b'informazzjoni Wi-Fi u GNSS tippermetti lokalizzazzjoni ħafna aktar preċiża ta' min qed iċempel u tippermetti sforzi ta' salvataġġ aktar rapidi u aktar effiċjenti, kif ukoll l-aħjar użu tar-riżorsi.
- (9) Soluzzjonijiet ibbażati fuq il-lokalizzazzjoni ta' min qed iċempel ibbażati fuq il-GNSS diġà ġew skjerati fi tmien Stati Membri u ċerti pajjiżi terzi.
- (10) Fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi bbażati fuq is-servizz 112, ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> diġà jeżiġi li r-riċevituri f'dawk is-sistemi jkunu kompatibbli mas-servizzi ta' pożizzjonament provduti mis-sistemi Galileo u EGNOS.
- (11) Għar-raġunijiet stabbiliti, jenħtieġ li l-apparat mobbli jaqa' wkoll fil-kategorija ta' tagħmir tar-radju li tappoġġa ċerti karatteristiċi li jiżguraw l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 3(3)(g) tad-Direttiva 2014/53/UE. Jenħtieġ li l-apparat mobbli ġdid ikun kapaċi jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni Wi-Fi u GNSS fil-komunikazzjonijiet ta' emerġenza u jenħtieġ li l-

<sup>5</sup> Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77).

funzjoni tal-pożizzjonament tal-lokalizzazzjoni tkun kompatibbli u tinteraġixxi mas-servizzi provduti mill-programm Galileo.

- (12) Id-Direttiva 2014/53/UE hija limitata għall-espressjoni tar-rekwiżiti essenzjali. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, hija tipprevedi l-preżunzjoni tal-konformità għat-tagħmir tar-radju li jikkonforma mal-istandards armonizzati volontarji li jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> għall-iskop tal-espressjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti.
- (13) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) ġew mitluba jabbozzaw, b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/53/UE, standards armonizzati għat-tagħmir tar-radju (M/536)<sup>8</sup>.
- (14) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu provduti b'perjodu ta' żmien suffiċjenti biex jipproċedu bl-adattamenti meħtieġa għall-apparat mobbli li għandhom l-intenzjoni li jqiegħdu fis-suq. Jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lill-operaturi ekonomiċi milli jikkonformaw miegħu sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (15) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, matul ix-xogħol preparatorju tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament u kkonsultat il-Grupp ta' Esperti dwar il-Politika Spazjali fil-laqgħat tiegħu tal-14 ta' Novembru 2017 u tal-14 ta' Marzu 2018,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

1. Ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3(3)(g) tad-Direttiva 2014/53/UE għandhom japplikaw għall-mowbajls li jinżammu fl-idejn b'karatteristiċi simili għal dawk ta' kompjuter mil-lat ta' kapaċità biex jittrattaw u jaħżnu d-*data*.
2. Il-konformità mal-paragrafu 1 għandha tiġi żgurata permezz ta' soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi riċevuta u pproċessata *data* mill-Wi-Fi u *data* minn Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita kompatibbli u interoperabbli tal-anqas mas-sistema Galileo msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1285/2013, u li jippermettu li dik id-*data* tkun disponibbli għat-trażmissjoni fil-komunikazzjonijiet ta' emerġenza.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 5376 final tal-4 ta' Awwissu 2015 dwar talba għal standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni rigward it-tagħmir tar-radju biex tappoġġja d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn [36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.12.2018

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Jean-Claude JUNCKER*